DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 54/2010

tat-30 ta' April 2010

li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew ta' proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impjegati (Tfassil mill-ġdid) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/38/KE tħassar, b'effett mis-6 ta' Ġunju 2011, id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha tiġi mħassra skont l-istess Ftehim b'effett mis-6 ta' Ġunju 2011,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XVIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-punt attwali 27 (id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 27a.

(2) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 26 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/56/KEE li ġiet imħassra):

"27. **32009 L 0038**: Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew ta' proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impjegati (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28)."

(3) It-test tal-punt il-ġdid 27a (id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE) għandu jitħassar b'effett mis-6 ta' Ġunju 2011.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/38/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 45.
([2]) ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.
([3]) ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.